MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Numru 784/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**ALBERT VELLA**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Albert Vella, iben Joseph u Rita nee` Farrugia, imwieled Luqa fl-24 ta' Novembru 1955 detentur ta' Karta ta' l-Identita` Nru 783855M u residenti 'Fleur' Triq Valletta, Mqabba, gie akkuzat:

Talli nhar it-30 ta’ Mejju 2004 ghal-habta ta’ 22.15hrs, fl-Imqabba u fiz-Zurrieq respettivament, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-atorita` kompetenti bi ksur tal-art 96(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess lok, jum u cirkustanzi ghamel griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 695 Brian Seychell u PS 1577 Silvio Magro persuni inkarigati mil-ligi, kif iccertifika Dr. A. Bugeja tac-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid, bi ksur tal-art 221 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess data hin u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-publiku b’ghajjat, glied u dagha fil-publiku, bi ksur tal-Art 338(dd) u Art 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F’kas ta’ htija l-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita mill-ligi jigi applikat l-art. 383 (1) ghas-sigurta` tal-membri tal-korp involuti fl-incident.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA3 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-imputat skuza ruhu dwar l-akkadut ma’ PC 695 Brian Seychell u PS 1577 Silvio Magro prezenti fl-Awla.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 96(a), 221(1), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Albert Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ikluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li l-imputat skuza ruhu dwar l-akkadut ma' PC 695 Brian Seychell u PS 1577 Silvio Magro u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Albert Vella ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn millum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Albert Vella b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil PC 695 Brian Seychell u lil PS 1577 Silvio Magro ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Albert Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------